MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tad-19 ta' April, 2011

Citazzjoni Numru. 1233/2009

**Fl-Atti tac-Citazzjoni Nru. 687/82 fl-ismijiet –**

**Vincenza Borg**

***kontra***

**Giuseppe Giordmaina u b`digriet tat-28 ta` Jannar 2011 l-atti f`isem Giuseppe Giordmaina ghaddew fil-persuna tal-armla tieghu Salvina Giordmaina u ta` uliedu Carmelo sive` Charlie Giordmaina, Cristino Giordmaina, Mary Rose Giordmaina u Joseph Giordmaina**

**Il- Qorti :**

Rat ir-rikors ta` Francis Borg (422732M), Grazia Azzopardi (112926M),

Emanuel Gatt (188442M), Maria Gatt (443846M),Nicola Gatt (373243M), Tarcisio Gatt (443549M), George Gatt (25957M), Joseph Gatt (57860M), Anthony Gatt (35563M), Teresa Gatt (149262M), Doris Gatt (548058M), Natalizia Gatt (361952M), Grace Micallef (942544M), Imelda Bezzina (826447M), Maria Victoria Gatt (783050M), Carmela Bezzina (881754M), Joseph Borg (489463M), Emanuela Cauchi (173462M) u Mary Calleja (78570M) presentat fis-16 ta` Marzu 2010 li jaqra hekk –

*Illi permezz ta` sentenza ta` dina l-Onorabbli Qorti datata 7 ta` Frar 1989 l-awtrici tar-rikorrenti Vincenza Borg otteniet favur taghha decizjoni hekk kif jemergi mill-istess sentenza annessa mal-prezenti bhala Dokument A.*

*Illi l-istess sentenza giet appellata mill-konvenut pero` l-Onorabbli Qorti tal-Appell permezz ta` digriet datat 9 ta` Marzu 1992 iddecidiet illi l-appell tal-konvenut ghandu jitqies li gie rtirat minghajr ebda kundizzjoni u dank if jirrizulta mill-anness digriet Dokument B.*

*Illi l-istess sentenza qatt ma giet esegwita mill-awtrici tar-rikorrenti Vincenza Borg.*

*Illi llum il-gurnata l-imsemmija Vincenza Borg hija mejta u l-eredi taghha huma r-rikorrenti.*

*Illi r-rikorrenti jixtiequ jesegwixxu din is-sentenza u stante li llum ghaddew ghoxrin sena minn meta giet deciza l-imsemmija kawza huma qeghdin jintavolaw ir-rikors odjern.*

*Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq premessi l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tawtorizzahom jesewixxu t-titolu ezekuttiv derivanti mis-*

*sentenza datata 7 ta` Frar 1989 hawn annessa u mmarkata bhala Dokument A.*

Rat li l-kontenut tar-rikors kien konfermat bil-gurament mir-rikorrenti Emanuela Cauchi fil-15 ta` Jannar 2010 (fol 2).

Rat id-dokumenti li kienu esebiti mar-rikors promotur.

Rat li fl-udjenza tal-11 ta` Novembru 2010, id-difensur tar-rikorrenti nfurmat lil din il-Qorti li l-intimat kien miet.

Rat li mir-rikors li pprezentaw ir-rikorrenti fis-26 ta` Jannar 2011 (fol 22) sabiex jillegittimaw l-atti wara li saru jafu bil-mewt tal-intimat, jirrizulta li l-intimat miet fit-28 ta` Mejju 1989.

Rat id-digriet taghha tat-28 ta` Jannar 2011 fejn laqghet it-talba tar-rikorrenti sabiex fil-kaz tal-intimat, l-atti jghaddu fil-persuna tal-armla tieghu Salvina Giordmaina, u ta` uliedu Carmelo sive` Charlie Giordmaina, Cristino Giordmaina, Mary Rose Giordmaina u Joseph Giordmaina.

Rat li l-intimati kollha kienu debitament notifikati bl-atti promotorji.

Rat ir-risposta tal-intimata Mary Giordmaina li wahedha prezentat fl-10 ta` Marzu 2011 u li taqra hekk –

*1. Illi preliminarjament, ir-rikors huwa null u irritu u dan stante li ai termini tal-Artikolu 258 tal-Kodici ta`*

*Organizzazzjoni u Procedura Civili it-talba kif maghmula fir-rikors kellha tkun konfermata bil-gurament tar-rikorrenti.*

*2. Illi l-konvenut Giuseppe Giordmaina ilu mejjet mit-28 ta` Mejju 1989 u ghalhekk ghandha ssir il-legittimazzjoni tal-atti f`isem l-eredi.*

*3. Illi minghajr pregudizzju ghal dak suespost, l-esponenti tirrileva li fil-konsiderazzjonijiet li kienet ghamlet il-Prim`Awla tal-Qorti Civili ghandha tiehu in konsiderazzjoni li l-attrici ma kienx irnexxielha tipprova li l-invazjoni saret ukoll fuq il-fond tal-art jigifieri fuq gewwa.*

*4. Illi stante li issa ghaddew aktar minn ghoxrin sena minn meta nghatat is-sentenza li taghha qeghda tintalab l-ezekuzzjoni, l-esponenti ai termini tal-Artikolu 571 tal-Kodici Civili qeghda titlob sabiex minflok ssir id-demolizzjoni ta` dik il-parti tal-faccata jigi ddeterminat il-valur tal-wicc tal-art li gie okkupat sabiex b`hekk jigi stabbilit il-kumpens dovut.*

*5. Illi fl-ahhar nett fl-interess tal-gustizzja qieghed jigi eccepit li wara ghoxrin sena ghandu jigi nominat perit tekniku li jista` jiddetermina minn fejn dawn l-ghaxar pulzieri ttiehdu.*

*6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat li l-intimata Mary Rose Giordmaina kkonfermat bil-gurament ir-risposta fl-10 ta` Marzu 2011.

Rat li l-intimati l-ohra ma pprezentawx risposta.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-21 ta` Marzu 2011 fejn l-intimata Mary Rose Giordmaina rtirat l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet taghha.

Rat li fl-istess udjenza, il-partijiet qablu, bla pregudizzju ghall-posizzjoni ta` kull wahda minnhom fil-mertu, illi s-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-7 ta` Frar 1989 fil-kawza fl-ismijiet *"Vincenza Borg vs Giuseppe Giordmaina"* ghaddiet in gudikat u ghadha sal-lum ma gietx ezegwita.

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghal-lum ghall-provvediment.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

Din l-istanza tinkwadra ruhha fil-kuntest ta` l-**Art.258 u 259 tal-Kap.12**.

Jirrizulta li s-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-7 ta` Frar 1989 fil-kawza fl-ismijiet *"Vincenza Borg vs Giuseppe Giordmaina"* ghaddiet in gudikat u ghalhekk tikkostitwixxi titolu esekuttiv skond l-**Art.253(a) tal-Kap.12**.

Jirrizulta li anke bi qbil bejn il-partijiet li s-sentenza baqghet ma gietx ezegwita u ghaddew ghaxar snin minn meta setghet tigi ezegwita. Ghalhekk il-kaz jaqa` fl-ambitu tal-**Art.258(a) tal-Kap.12**.

Din il-Qorti tghid li fl-istanza taghhom ir-rikorrenti ottemperaw ruhhom ma` dak li jipprovdi l**-bqija** tal-Art.258 tal-Kap.12.

Billi l-partijiet li originarjament kienu involuti fil-kawza u cioe` Vincenza Borg u Giuseppe Giordmaina jirrizulta li mietu t-tnejn, jiskatta dak li hemm provdut fl-**Art.259 tal-Kap.12**.

Wara li qieset l-atti ta` din il-procedura, din il-Qorti tghid li hija sodisfatta li –

a) Ir-rikorrenti huma l-unici eredi jew successuri ta` Vincenza Borg.

b) Is-sentenza ghad tista` tigi esegwita u ghalhekk it-titolu ezekuttiv ghadu jiswa.

c) L-intimati huma l-eredi jew successuri ta` Giuseppe Giordmaina.

Ghall-fini ta` din il-procedura, din il-Qorti **ma tqisx** bhala rilevanti dak li ssottomettiet l-intimata Mary Rose Giordmaina fit-tielet, fir-raba` u fil-hames paragrafi tar-risposta taghha ghar-raguni li l-kompitu ta` din il-Qorti mhuwiex li terga` tqis mill-gdid l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet li diga` gie deciz b`mod definittiv. Billi hekk qeghda tippretendi l-intimata li din il-Qorti ghandha taghmel, dak li qeghda ssostni l-istess intimata qed jigi rigettat.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-intimata Mary Rose Giordmaina, tilqa` t-talba tar-rikorrenti kif dedotta, bl-ispejjez kontra l-intimati kollha.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------